# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' April 2001.**

**Numru 17**

**Citaz. numru 1039/89 AM**

**Avukat Dottor Reno Borg LL.D. ghan-nom u in raprezentanza tas-socjeta' bankarja "Bank of Valletta p.l.c.", u b'nota tat-18 ta' Marzu 1991, il-Prokuratur Legali Joseph Zammit assuma l-atti tal-kawza minflok l-Avukat Reno Borg u b'nota tat-3 ta' Ottubru 1994 assuma l-atti Paul Gambina f'isem is-socjeta' attrici.**

**vs**

**Mario Galea u Joseph Borg f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali "Marks and Charles Limited".**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

Il-Bank attur ipproceda kontra l-konvenuti proprio et nomine b'dan l-att ta' citazzjoni :-

"L-attur nomine ippremetta:-

Illi in forza ta' kuntratti ppubblikati fit-8 ta' Ottubru 1985 u fil-21 ta' Frar 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Du Puis, li kopja taghhom qed jigu hawn annessi w immarkati Dokument "A" u Dokument "B", l-attur nomine kkonceda "Loan facilities" lil Mario Galea, bit-termini w il- kundizzjonijiet hemm stipulati;

Illi l-attur nomine jinstab kreditur tal-konvenut Mario Galea fis-somma ta' hmistax-il elf sitt mija u tnejn u tmenin liri Maltin, tnejn u disghin centezmu u zewg millezmi (Lm15,682.92,2) kwantu ghal tlettax-il elf sitt mija w erbgha u sebghin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm13,674.55,0) bilanc ghad- debitu ta' l-istess Mario Galea fil-"loan Accounts" tieghu mal-Bank of Valletta Limited, salvi l- imghaxijiet ulterjuri mid-19 ta' Marzu 1989 sad-data ta' l-effettiv pagament (C1 sa C16) u in kwantu ghall- elfejn u tmien liri Maltin u tletin centezmu u zewg millezmi (Lm2,008.37,2) bilanc ghad-debitu ta' l-istess Mario Galea fil-Current Account (Dokument D1 sa D9) tieghu mal-Bank of Valletta Limited salvi imghaxijiet ulterjuri mit-18 ta' Marzu 1988 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi in forza ta' l-istess kuntratti tat-8 ta' Ottubru 1985 u tal-21 ta' Frar 1986, Joseph Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali "Marks and Charles Limited" iggarantixxa flimkien u "in solidum" mal-konvenut Mario Galea, ghaf- favur ta' l-attur nomine, id-debiti ta' l-istess Mario Galea mal-Bank of Valletta Ltd.

Illi in forza ta' skrittura privata datata 8 ta' Ottubru 1985 li kopja taghha qieghdha tigi hawn annessa u markata Dokument "E", Joseph Borg f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali "Marks and Charles Limited" iggarantixxa flimkien u "in solidum" id-debiti tal-konvenut Mario Galea, mal-Bank of Valletta Limited;

Illi bi tlett ittri ufficjali datati 12 ta' Jannar 1988, u 22 ta' Dicembru 1987 (Dokumenti "F1", "F2" u "F3") il-konvenuti proprio et nomine gew ufficjalment interpellati biex ihallsu d-debiti fuq imsemmija izda baqghu inadempjenti;

Talab li ghalhekk il-konvenuti fuq imsemmija jigu minn dina l-Qorti kkundannati jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' hmistax-il elf sitt mija u tnejn u tmenin liri Maltin, tnejn u disghin centezmu u zewg millezmi (Lm15,682.92,2) kwantu ghal tlettax-il elf sitt mija w erbgha u sebghin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm13,674.55,0) bilanc ghad-debitu ta' Mario Galea fil-"Loan Accounts" tieghu mal-Bank of Valletta Ltd. salvi l-imghaxijiet

ulterjuri mid-19 ta' Marzu 1989 sad-data ta' l-effettiv pagament, u in kwantu ghal elfejn u tmien liri Maltin, sebgha u tletin centezmu u zewg millezmi (Lm2,008.37,2) bilanc ghad- debitu ta' Mario Galea fil-"Current Account" tieghu mal-Bank of Valletta Ltd., salvi l-imghaxijiet ulterjuri mid-19 ta' Marzu 1989 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-12 ta' Jannar 1988 u tat-22 ta' Dicembru 1987, u imghaxijiet ulterjuri kontra l-konvenuti proprio u nomine."

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

Il-konvenut <u>Joseph Borg</u> proprio et nomine hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

“1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-garanzija ghall-hlas fil-kwalita' tieghu personali hija nulla peress li kienet tolqot somma ta' flus li qatt ma kien hemm kunsens li hu jaghmel tajjeb ghaliha personalment;

2. Illi inoltre l-garanzija moghtija hija nulla a tenur ta' l-Artikolu 1318 (1) u (4) tal- Kodici Civili peress li l-mara tal-konvenut qatt ma tat il-kunsens taghha biex din il-garanzija ssir u ghalhekk dan id-debitu jekk dovut ma jistax ikun a kariku tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu;

3. Illi inoltre din il-garanzija personali ffirmata mill-konvenut hija nulla peress li kienet giet iffirmata "in bjank" minnu u mizjuda w alterata b'mod frawdolenti mill-attur nomine minghajr il-kunsens tal-konvenut;

4. Illi d-debitu li jista' jkun dovut mis-socjeta' "Marks and Charles Limited" isir dovut biss wara li l-proprieta' tal-konvenut Mario Galea tigi eskussa;

5. Illi d-debitu mhux dovut mis- socjeta' konvenuta stante illi l-kundizzjonijiet kif stipulati fis-"sanction letter" ma kienux ghadhom kollha gew adempiti w il-flus l-anqas gew uzati ghal skopijiet hemm indikati;

6. Illi l-ebda somma mhi dovuta mill- konvenut Joseph Borg proprio et nomine."

**AMMISSJONI**

Il-konvenut Mario Galea b'nota prezentata in atti fit-12 ta' Dicembru 1989 ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni.

**CESSJONI**

B'verbal fl-udjenza tal-24 ta' April 1992 jirrizulta li l-attur nomine ipprezenta nota f'dik l-istess udjenza li biha ceda l-atti tal-kawza limitatament fil-konfront ta' Joseph Borg f'ismu proprju sabiex jidderigi ruhu ahjar filwaqt li zamm fermi l-pretensjonijiet tieghu kollha fir-rigward tal-konvenuti Mario Galea u Joseph Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali "Marks and Charles Limited".

**DECIDE**

B'sentenza tat-28 ta'April 1995, l-allura Qorti tal-Kummerc iddecidiet il-kawza billi laqghet it-talba fil-konfront tal-konvenut Mario Galea, fuq ammissjoni tieghu stess, astjeniet ruhha milli tiehu konjizzjoni tat-talba in kwantu diretta kontra l-kovenut Joseph Borg f'ismu proprju, in vista tac-cessjoni relativa ghalih li saret mill-attur nomine, u laqghet it-talba in kwantu diretta kontra l-konvenut Joseph Borg ghan-nom u in

rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta "Marks and Charles Limited", bl-imghaxijiet mitluba. L-ispejjez kellhom jithallsu mill-istess konvenuti sokkombenti.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Illi l-attur issottometta:-
>
> (1) Illi din il-kawza originarjament saret konta tliet konvenuti u cioe' 1. Mario Galea; 2. Joseph Borg f'ismu proprju; u 3. Joseph Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali "Marks and Charles Limited". Il-konvenut Mario Galea ammetta t- talba attrici permezz ta' nota pprezentata fit-12 ta' Dicembru 1989 u l-attur nomine ceda l-atti ta' din il- kawza fil-konfront ta' Joseph Borg proprju permezz ta' nota pprezentata fl-24 ta' April 1992. Ghalhekk dak li jifdal jigu trattati huma l-eccezzjonijiet tal- konvenut Joseph Borg ghan-nom tas-socjeta' "Marks and Charles Limited" inkorporati fin-nota ta' l-eccezzjonijiet kollettiva ta' Joseph Borg proprio u Joseph Borg nomine;
>
> (2) Fil-waqt li ssottometta li permezz ta' l-istatements tal-kontijiet u provi ohra pprova l- pretensjoni tieghu skond il-ligi, ghamel l- osservazzjonijiet segwenti ghall-eccezzjonijiet ta' Joseph Borg nomine;
>
> (3) L-ewwel eccezzjoni hija llum sorvolata bin-nota ta' cessjoni kontra l-konvenut Joseph Borg proprju;
>
> (4) It-tieni eccezzjoni tan-nuqqas ta' kunsens tal-mara hija wkoll sorvolata bin-nota ta' cessjoni kontra l-konvenut Joseph Borg proprju pero' jekk il-konvenut Joseph Borg ghan-nom ta' "Marks and Charles Limited" jippretendi li din tapplika ghalih nomine allura ghandu jinghad li din l-eccezzjoni hija infondata fid-dritt. Rigward dak li jissottomettu l- konvenuti a bazi ta' l-Artikolu 1318 tal-Kodici Civili ghandu jigi rilevat illi l-kunsens tal-mara huwa rikjest mil-ligi biss meta r-ragel jew jaljena jew jipoteka l-

proprieta' tal-komunjoni u mhux meta jaghti garanzija - Ghal din ir-raguni l-istess eccezzjoni giet espressament michuda fil-kawza "Dottor Mamo nomine vs Joseph Abela nomine et" deciza minn din l-Onorabbli Qorti fl-20 ta' Marzu 1990 - Din kienet is-sitwazzjoni sal-1 ta' Dicembru 1993 u l-bidla fil-ligi minn din id-data ma tistax taffettwa r-relazzjonijiet bejn il- partijiet qabel l-istess data;

(5) Illi t-tielet eccezzjoni tal- konvenut hija piuttost ambigwa: jekk il-konvenut Joseph Borg proprio qed ighid hawn li din il-garanzija kellha tapplika biss ghas-socjeta' konvenuta "Marks and Charles Limited" allura kull sottomissjoni ohra hija superfluwa wara c-cessjoni tal-kawza kontra Joseph Borg proprio. Jekk pero' il-konvenut qed ighid li din il- garanzija lanqas ma qed tapplika ghas-socjeta' konvenuta "Marks and Charles Limited" allura ghandu jinghad li mill-provi prodotti dan ma jirrizultax u wiehed irid bilfors jifhem li dan ma huwiex minnu gialadarba l-istess Joseph Borg jammetti li huwa kien iffirma l-garanzija bankarja; la ffirma kien qed jaqbel li jew proprio jew nomine kellu jiggarantixxi. Issa la Joseph Borg proprio fl-ewwel eccezzjoni jghid li huwa qatt ma ggarantixxa personalment allura wiehed jiddeduci li ghall-anqas kien qed jiggarantixxi ghan- nom tas-socjeta' konvenuta "Marks and Charles Limited";

(6) Illi rigward ir-raba' eccezzjoni ghandu jinghad illi l-beneficcju ta' l-eskussjoni ma japplikax fil-kaz ta' garanzija solidali. Issa huwa pacifiku li fl-atti tal-Kummerc is-solidarjeta' hija prezunta - Artikolu 115 (2) tal-Kodici tal-Kummerc (Kapitolu 13 tal-Ligijiet). Di piu' l-istess garanzija esibita fiha car proprju fit-tieni linja li l-konvenuti "Jointly and severally with the principal guarantee...";

(7) Illi l-hames eccezzjoni hija pjuttost vaga. Jigi sottomess li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-meritu tal-kawza jekk il-kundizzjonijiet tas- "sanction letter" ma gewx kollha adempiti. Jekk il- partijiet kienu kuntenti li l-facilita' tibda topera qabel ma jigu osservati xi kundizzjonijiet dan ghandu jitqies bhala novazzjoni skond il-ligi u xejn ma jista' jolqot l-esigibilita' tad-debitu. Di piu' il-konvenuti ma gabu ebda prova dwar l-allegata mankanza ta' adempiment. L-uniku tracca li wiehed jista' jinferixxi hija n-nuqqas ta' kopertura ta'assigurazzjoni pero' din kellha ssir mill-istess konvenuti u jekk ma saritx il- konvenuti ma jistghux iressqu 'l quddiem in-nuqqas taghhom stess - "nemo auditur in jure turpitudine suam allegans."

(8) Illi rigward is-sottomissjoni tal- konvenuti kontenuta wkoll fil-hames eccezzjoni li l- flus ma gewx uzati ghall-iskopijiet hemm indikati dan ukoll ma giex pruvat u hawn japplika wkoll il-

principju li persuna ma tistax teccepixxi t-turpitudini taghha stess. Ghaliex il-konvenut Borg jittanta fix-xhieda jsemmi l-konnessjoni tal-konvenut Galea ma' serq u drogi f'dan il-kaz huwa inspjegabbli sakemm ma hux qed jallega li l-attur nomine xjentement ivversa flejjes biex issir xi serqa jew jigu kummercjati d-drogi - haga li ovvjament hija inawdita."

Ghalhekk, l-attur issottometta li t- talba tieghu ghandha tigi akkolta kemm fil-konfront tal-konvenut Mario Galea kif ukoll fil-konfront tal-konvenut Joseph Borg ghan-nom tas-socjeta' "Marks and Charles Limited";

Il-konvenut Joseph Borg proprio et nomine ssottometta:-

"01. Illi kif jirrizulta mill-atti processwali l-attur nomine ceda l-kawza in konfront ta' Joseph Borg proprju;

02. Illi kif jirrizulta mill-atti processwali wkoll, il-garanzija ffirmata minn Joseph Borg proprio et nomine hija nulla u ghalhekk il-kawza wkoll kellha tigi ceduta in konfront ta' Joseph Borg nomine stante li din il-garanzija giet iffirmata in bjank u minghajr data;

03. Illi l-kuntratt tat-8 ta' Ottubru 1985 u l-iehor tal-21 ta' Frar 1986 fl-atti tan-Nutar George Bonello Dupuis, l-imsemmija socjeta' "Marks and Charles Limited" ikkonstitwiet ruhha garanti ta' Mario Galea a bazi ta' "sanction letters" li gew mahruga mill-Bank of Valletta Limited qabel ma giet konkjuza bl-iskrittura ossia Bank Form ta' garanzija w il- kuntratt. Fil-fatt fil-kuntratti notarili jirrizulta illi din il-garanzija mahruga mill-konvenut nomine kienet "in support of a guarantee signed by the surety on the Bank's normal form" u dan kif jirrizulta mill- kuntratti relattivi;

04. Illi s-"sanction letter" huwa l- ftehim li ntlahaq bejn il-bank, il-klient u l-garanti u fost il-kundizzjonijiet kollha hemm stipulati gie miftiehem illi l-bank kellu jivversa l-flus lil Mario Galea wara li l-Bank johrog Insurance Policy kontra Fire & Theft. Oltre dan mill-kuntratti fuq imsemmija gie miftiehem illi "further the customer and the surety authorizes the Bank to insure their property at their expense", haga li l-Bank m'ghamilx;

05. Inoltre gie espressament miftiehem fis-"sanction letter" li hija ezebita li "The facility will only become operative when the security required has been received and is found to be in order".

06. Illi l-fatt illi l-Bank ivversa l- flus lil Mario Galea qabel mal-kundizzjonijiet kollha gew adempiti fosthom l-assikurazzjoni, dan seta' jikkrea pregudizzju lil garanti li kien propens li jaghti dik il-

garanzija biss jekk l-obbligi assunti bejn il-Bank u Mario Galea jigu pjenament sodisfatti;

07. Illi fil-fatt irrizulta fl-atti processwali illi l-post insteraq u gie vandalizzat kif jirrizulta mill-atti processwali w il-fatt illi l-fatt li ma kienx hemm assikurazzjoni, il-garanti ma setax jitlob ir-risarciment tad-danni, kif ukoll il-Bank issa qed jippretendi l-hlas tas-self li kien ghamel minghajr l-adezzjoni ta' l-obbligi assunti bis-"sanction letter";

08. Huwa risaput illi r-rabta kontrattwali sehhet meta kien hemm l-accettazzjoni ta' l-offerta maghmula mill-Bank lil Mario Galea w il- kuntratti relattivi saru biss biex tittiehed garanzija fuq proprieta';

09. Illi ghalhekk il-ftehim milhuq bejn il-partijiet huwa s-"sanction letter" bil- kundizzjonijiet kollha hemm stipulati u ghalhekk in- nuqqas ta' adempiment ta' xi whud mill-obbligi kontrattwali ma jistghux jikkrejaw pregudizzju serju lil garanti bin-nuqqas ta' assikurazzjoni li kienet l- obbligu tal-Bank li taghmel;

10. Illi kieku dik l-assikurazzjoni saret is-socjeta' "Marks & Charles" kienet tigi risarcita tad-danni sofferti w id-dejn lil Bank kien jista' jigi mhallas mill-istess assikurazzjoni."

Il-konvenut ghalhekk issottometta li huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju (sic);

Ikkunsidrat:

Illi ghar-ragunijiet validi sottomessi mill-attur nomine, hawn fuq citati, li ghalihom qed issir ampja riferenza ghal skans ta' ripetizzjoni, ebda wahda mill-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine ma hija sostenibbli. Ghalhekk, l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenut ghandhom jigu respinti peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Mill-banda l-ohra, it-talba attrici tirrizulta pruvata anke fil-konfront tal-konvenut nomine minbarra fil-konfront tal-konvenut Mario Galea, li ammetta t-talba.”

## KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

Minn din is-sentenza appella biss Joseph Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali "Marks and Charles Limited". Il-konvenut l-iehor Mario Galea m'appellax u ghalhekk is-sentenza ghaddiet fil-konfront tieghu in gudikat.

Din il-Qorti ser tikkunsidra l-aggravji sollevati mill-appellant nomine fl-ordni minnu sottomessi.

1. L-ewwel aggravju hu fis-sens illi s-somma kif dedotta fit-talba tac-citazzjoni ma kienitx dovuta mill-konvenut appellant nomine stante illi fiha imghaxijiet komposti u ghalhekk irid isir kalkolu b'imghaxijiet semplici kif rikjesti mil-ligi. Dan l-aggravju hu ghal kollox inattendibbli ghaliex l-ebda eccezzjoni ta' din ix-xorta ma giet sollevata quddiem l-ewwel Qorti u ma kienx ghalhekk lecitu li jigi sollevat f'dan l-istadju ta' revizjoni.

2. It-tieni aggravju tal-appellant nomine hu fis-sens illi, kif jirrizulta miz-zewg kuntratti tat-8 ta' Ottubru 1985 u tal-21 ta' Frar 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupuis esebiti fil-process bhala dokumenti "A" u "B", l-appellant nomine kellu jaghmel tajjeb ghad-dejn ta' Mario Galea skond is-'sanction letter' kif mahruga mill-Bank of Valletta Limited u esebita fil-process u dan <u>sa massimu ta' Lm11,000</u>. Anke f'dan ir-rigward l-ebda eccezzjoni ta' din ix-xorta ma giet sollevata quddiem l-ewwel Qorti u anke hawn allura ma kienx permissibbli ghall-

appellant nomine illi jissoleva f'dan li stadju ta' revizjoni eccezzjonijiet li ma kienux gew eprorati u decizi fil-prima istanza. F'kull kaz il-Bank appellat jirrileva illi l-garanzija koperta mill-kuntratti kellha testendi ghal somma kapitali ta' Lm11,000 li maghhom pero' kellhom jizdiedu l-imghax u l-ispejjez. Il-Bank attur isostni illi l-ammont minnu reklamat kien jirrijentra fit-termini precizi ta' din il-garanzija u din il-Qorti ta' revizjoni kellha taccetta bhala fatt din is-sottomissjoni in kwantu ma saret l-ebda kontestazzjoni ta' din in-natura quddiem l-ewwel Qorti.

3. Fl-aggravju tieghu l-appellant nomine jallega illi l-Bank attur baqa' jivversa flus u jonera cekkijiet ta' Mario Galea li kienu jmorru oltre l-ammont tal-garanzija u li allura hu bhala garanti ma kellux jigi tenut responsabbli ghall-hlas taghhom. Anke dan bl-ebda mod ma jista' jigi inkwadrat f'xi wahda mill-eccezzjonijiet moghtija mis-socjeta' konvenuta appellanti. Dawn l-eccezzjonijiet infatti ma kienux jikkontestaw il-korrettezza tal-istatements bankarji li fuqhom hi bbazata t-talba attrici u kienu tista' tghid ukoll kollha mmirati biex jikkontestaw il-validita' u l-legalita' tal-garanzija nnifisha oltre l-esigibilita' tal-garanzija kontra l-konvenut proprio et nomine qabel issir l-eskussjoni tal-proprjeta' tad-debitur principali jew qabel ma jigi vverifikat ghal liema fini jkun sar is-self u jekk dan kienx jissubentra fit-termini tal-istess garanzija. Dan l-aggravju wkoll hu allura inattendibbli.

4. Aggravju iehor fis-sens illi kien jirrizulta mis-'sanction letter' esebita fil-process illi l-attur appellat kellu jivversa l-flus lil Mario Galea wara li l-Bank johrog insurance policy kontra Fire and Theft. Tant hu minnu dan illi mill-kuntratti esebiti fil-process kien gie hekk stipulat "further the customer and the surety authorise the Bank to insure their property at their expense". Li nonostante dan l-attur appellat ma assigurax il-proprjeta' in kwistjoni biex b'hekk kundizzjoni rizoluttiva ghall-adempiment tas-'sanction letter' ma gietx onorata.

L-appellant, jissottometti kif effettivament kien issottometta quddiem l-ewwel Qorti, illi fis-'sanction letter' esebita fil-process kienet tistipula ili "the facility will only become operative when the security required has been received and is found to be in order". Dan kien ifisser skond l-appellant illi l-facilita' setghet tinghata lil Mario Galea, d-debitur principali biss, wara illi l-obbligazzjonijiet kif stipulati fis-'sanction letter' ikun gew adempiti. Jirrizulta, skond l-appellant, illi l-Bank ivversa flus lil Mario Galea qabel ma assigura lilu nnifsu w l-fondi in garanzija kif hemm stipulat fis-'sanction letter' biex b'hekk ippregudika lill-garanti w cioe' l-konvenut appellant b'mod serju. Dan ghaliex il-fond kien gie vandalizzat u misruq u b'hekk il-garanti ma setax jigi rizarcit ghad-danni minnu reklamati.

Dan l-aggravju li ghall-appellant nomine jidher li hu l-aktar wahda ta' sostanza hu kjarament inattendibbli. Ma hemm l-ebda dubbju illi l-

kondizzjoni illi l-fond, proprjeta' tad-debitur, ikun kopert b'assigurazzjoni adegwata kontra riskji kienet intiza biex tiggarantixxi l-pagament tad-dejn lill-Bank attur u ma kienet bl-ebda mod intiza biex tiffavorixxi jew tkopri l-garanti. Il-garanti kellu da parti tieghu jiehu dawk il-passi kollha mehtiega biex jaccerta ruhu illi hu nnifsu jkun kopert fil-konfront tad-debitur qabel ma jassumi r-responsabbilita' tal-garanzija. Dan ifisser illi kif il-Bank kellu kull dritt illi ma jonorax il-ftehim ta' self u cioe' ma javanzax il-flus lid-debitur qabel ma jkun assigurat illi l-fond in garanzija jkun kopert b'polza ta' assigurazzjoni skond il-ftehim, hekk l-istess il-konvenut appellant kellu fl-interess tieghu li jiehu dawk il-passi kollha mehtiega biex jaccerta ruhu illi hu wkoll ikun adegwatament kopert b'garanziji sufficenti ghar-ripagament ta' dak li seta' jigi msejjah mill-Bank attur li jhallas in ezekuzzjoni tal-kuntratt ta' garanzija solidali minnu sottoskritt.

Hi zbaljata s-sottomissjoni tal-appellant illi l-Bank dahal b'xi obbligu fil-konfront tieghu bhala garanti illi jezigi minghand id-debitur principali illi jonora l-obbligazzjoni li jassigura adegwatament l-immobbli proprjeta' tieghu. Jekk mill-Bank minn naha tieghu deherlu illi seta', riskju tieghu, javanza l-flus qabel ma ssir tali assigurazzjoni dan kien affari tieghu, kienet materja li tinteressa lilu u lid-debitur principali. Il-Bank infatti kellu kull dritt fit-termini tal-kuntratt illi ma jinsistix li ssir il-polza skond il-ftehim anke jekk biss ghax kellu mohhu mistrieh mis-solidita' tal-garanti u solidali. Hu allura ghal kollox bla bazi legali l-aggravju illi minhabba xi

inadempjenza kontrattwali da parti tal-Bank attur fil-konfront tad-debitur principali, l-istess appellant nomine kien sofra xi pregudizzju serju li ghalih kellu jigi ritenut responsabbli l-Bank attur.  Daqstant iehor hi inattendibbli s-sottomissjoni illi l-klawsola fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-proprjeta' kienet xi kundizzjoni rizoluttiva tal-garanzija u li din ma setghetx tigi fis-sehh qabel l-adempiment taghha.

Gustament ukoll il-Bank appellat jaghmel rikjam ghall-klawsola relattiva fil-kuntratt ta' self li tghid hekk "the customer and the surety further undertake <u>at the Bank's request</u> to insure their property against all normal risks with reputable insurance company and to have the Bank's interest noted on the relative insurance policy.  Further the customer and the surety authorise the Bank to insure their property at their expense".  Hu ovvju mill-qari ta' din il-klawsola illi l-Bank attur fl-ebda mument ma assuma xi obbligu illi jassigura l-proprjeta'.  Ghall-kuntrarju kienu d-debitur principali u l-garanti solidali illi obbligaw ruhhom illi, ghar-rikjesta tal-Bank, – u cioe' f'dan ikun hekk jidhirlu li ghandu jsir – jassiguraw il-proprjeta' taghhom skond kif hemm indikat u inoltre awtorizzaw l-istess Bank li hu stess jassigura l-proprjeta' ghal spejjez taghhom.  Dan ifisser illi l-obbligu li tigi assigurata l-proprjeta' kien jinkombi fuq id-debitur principali u l-garanti solidali.  Obbligu li verament kien jiskatta jekk u meta l-Bank kreditur jitlobhom li hekk jaghmlu.  Il-fatt li l-Bank ghazel li ma jaghmilx hekk ma kien bl-ebda mod ifisser li kien inadempjenti fil-kuntratt jew li kien naqas li josserva xi kondizzjoni

rizoluttiva tieghu. Kien aktar minn ovvju li kien l-interess fuq kollox tad-debitur principali u tal-istess garanti li jaghmlu motu proprju l-assigurazzjonijiet mehtiega tal-propjeta' immobiljari li setghet tiggarantixxi l-hlas tad-dejn, liema polza ta' assikurazzjoni kellha dejjem u f'kull kaz issir a spejjez taghhom. Indubjament ma jistax allura l-konvenut appellant jadduci favur tieghu nuqqas manifest tieghu biex jittanta jeludi r-responsabbilitajiet li kellu bhala garanti solidali tal-konvenut l-iehor Mario Galea skond il-kuntratti pubblikati fit-8 ta' Ottubru 1985 u fil-21 ta' Frar 1986 in atti Nutar Dottor George Bonello Dupuis. L-appell tal-konvenut nomine fl-aggravji kollha minnu sollevati hu insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. L-ispejjez ta' dan l-appell kellhom ikun a karigu tal-appellant nomine, dawk tal-prima istanza kellhom jibqghu kif gja' mill-ewwel Qorti decizi.

Dep/Reg

mg